**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL- GIMGHA 22 TA' FRAR, 2002**

**Avviz Nru: 1554/01 AJD**

**Poseidon Pools International Ltd.**

**vs**

**Spiridione Mangion**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Novembru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tmienja u disghin liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm598.89) dovuti wara bejgh u konsenja ta' merkanzija skond statement Dok. A.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Settembru, 2001, u tal-ittra bonarja tal-14 ta' Mejju, 2001, u bl-imghax, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi l-konenut mhux il-legittimu kontradittur stante li n-negozju tas-socjeta' attrici sar bejnha u bejn is-socjeta' Il Giardino Catering Limited li kienet tmexxi in-negozju ta' Il Giardino Restaurant skond il-Memorandum and Articles of Association, u ghaldaqstant ma hemmx rabta guridika bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda tal-konvenut u ta' Anthony Camilleri rapprezentant tas-socjeta' attrici.

Ra l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Jannar, 2002, fejn il-partijiet iddikjaraw li t-Tribunal seta' jghaddi ghall-ghoti tas-sentenza sija in kwantu jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut kif ukoll dwar il-mertu.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:-

1. Illi l-konvenut fl-ewwel eccezzjoni tieghu qed jecepixxi li m'huwiex il-legittimu kontradittur stante li kwalsiasi negozju li sar mas-socjeta' attrici kien sar minn Il Giardino Catering Ltd u mhux minnu f'ismu proprju.

2. Illi mill-'istatement' esibit a. fol. 2 u 3 jirrizulta li sa mit-22 ta' Jannar, 1991, is-socjeta' attrici kienet tbiegh u tikkonsenja lil Giardino Restaurant materjal varju intiz ghall-uzu fl-iswimming pool li jinsab f'dan il-kumpless. Il-konvenut isostni li dan il-kumpless huwa gestit mis-socjeta' Il Giardino Catering Ltd izda l-ircevuti mahrugin mis-socjeta' attrici (a fol. 23, 24, u 25 tal-process) huma mahrugin f'isem Il Giardino (Spiridione Mangion). Il-konvenut isostni li huwa kien informa lis-socjeta' attrici li l-kumpless ta' Il Giardino kien gestit minn Il Giardino Catering Ltd, izda in kontro-ezami huwa xehed li qatt ma kkontesta b'xi mod il-kontenut tal-fattura hawn fuq imsemmija u inoltre Anthony Camilleri, ir-rapprezentant tas-socjeta attrici li kien dejjem innegozja mal-konvenut, xehed li l-istess konvenut qatt ma nfurmah li l-kumpless 'Il Giardno' kien gestit minn socjeta' kummercjali. It-Tribunal jidhirlu li l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Anthony Camilleri hija aktar kredibbli anki ghaliex kif intqal aktar il-fuq, l-ircevuti mahruga mis-socjeta' attrici dejjem kienu f'isem Spiridione Mangion u l-istess angion qatt ma kkontesta jew b'xi mod talab korrezzjoni fil-kontenut tal-ircevuti.

3. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-azzjoni attrici giet gjustament intavolata kontra l-konvenut Spiridione Mangion stante li mill-provi rrizulta li dan tal-ahhar huwa l-legittimu kontradittur.

4. Illi l-konvenut ma ressaq ebda eccezzjoni fil-mertu u r-rapprezentant tas-socjeta' attrici ikkonferma li l-ammont pretiz ghadu dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u tmienja u disghin liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm598.89) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-ittra ufficjali tas-17 ta’ Settembru, 2001.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta’ Settembru, 2001, jithallsu nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**